# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330
TEL: 21665500
email: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 13-15

**Data:** 17 ta' Dicembru 2014

**Hin:** 5:30pm

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas - Kunsillier

Dorianne Micallef (Ambaxxatriċi) – ġiet skużata minħabba li kienet ma tiflaħx

# MINUTI

**TALBA**

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

1. **QARI TAL-MINUTI**

   Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Novembru 2014.

2. Il-Minuti ġew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsilliera is-Sinjura Maria Sultana

3. **Korrispondenza;**

3.1 Is-Sindku Speranza Chircop infurmat lill Kunsill dwar ittra li rceviet mill-Onorevoli Silvio Parnis f'isem il-Kunsill Konsultattiv biex jinforma lill Kunsilli dwar laqgħa li ser tkun qed tigi imtella minn naħa ta' dan il-Kunsill, jistieden lill Kunsill Lokali Kalkara biex jattendi u jieħu sehem f'diskussjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' postijiet fil-Kalkara li potenzjalment jistgħu jiġu riġenerati f'akkomodazzjoni għat-turisti.

Din l-ittra ser tkun qed tiġi mibgħuta mis–Seg.Eżek. lill- Kunsilliera kollha biex b'hekk ikunu jistgħu jgħatu ideat tagħhom minn qabel ma ssir il-laqgħa 'msemmijha hawn fuq.

3.2 Is-Sindku Speranza Chircop spjegat lill Kunsill wasal ilment li kien ressaq b'email aktar kmieni ma' saret il-laqgħa tal-Kunsill mis-Sur Chris Bruno dwar il-ħajt li hemm qabel ma tidħol lejn il-Boat Yard fil-bidu tat-telgħa ta Bighi, fejn hu talab lis-Segretarja biex tibgħat il-ħaddiema tal-Kunsill biex jaraw dan il-ħajt hux perikoluż u jekk għandux bżonn ta' xogħol ta' manutenzjoni. Is-Sindku spjegat illi l-ħaddiema marru fuq il-post fejn ikkonfermaw illi dan il-ħajt m'huwiex ta' periklu pero' għandu bżonn xogħol ta' tikħil u manutenzjoni oħra.

Is-Seg.Eżek. ġiet mitluba tibgħat email formali lill-MCST biex tistaqsi dan il-ħajt huwiex ser jiġi irranġat bħala parti mill–proġett ta' Esplora.

3.3 Is-Sindku ressqet quddiem il-Kunsill email minn għand resident li joqgħod Rinella Housing Estate, fejn hu qed jitlob li tinbidel il-bozza li għandu mwaħħla mal-faċċata tad-dar tiegħu u minflokha jeħel fanal minħabba il fatt illi l-lampa hija tqila u għamlitlu ħafna ħsara mal- faċċatta. L-istess resident saħaq illi kien diġa għamel din it talba lill-Kunsill preċedenti.

Il- Kunsill kollu qabel illi din għandha issir kif ukoll naraw x'lampi hemm fil-madwar ta' l-istess area biex b'hekk jinbidlu kollha għal fanali u jiġu kollha konformi.

3.4 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar email li rċeviet tindika illi persuna tixtieq tagħmel mixja storika fil-kalkara. Is-Sindku ukoll saħqet illi ser tkun qed tagħmel laqgħa ma' din il-persuna biex b'hekk ikollha aktar informazzjoni dwar din il-mixja biex il-Kunsill ukoll ikun jistgħa jagħmel posters / avviżi ghar-residenti tal-lokal kif ukoll għan-nies barra il–lokal. Din il-mixja qed tigi msemmija li għandha issir għal Marzu ta' 2015

3.5 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar laqgħa infomali li kellha mal-Perit li qed jieħu ħsieb il-proġett ta' l-MCST li għaddej attwalment fejn dan spjegala illi l-Enemalta għandhom bżonn jgħaddu xi cables ġodda fl-area tal-Kunsill, fejn qed jissuġerixxu li dawn il–cables jgħaddu direttament minn kamra li taqa taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill.

Il-Kunsill kollu oġġezzjona li dawn il-cables ma għandhomx jgħaddu minn din il-kamra minħabba raġunijiet varji .

3.6 Is-Sindku ppreżentat dokument li 'rċeviet aktar qabel dan ix-xahar fuq iż-"Zebra Crossing" li ser tiġi implementata minn Transport Malta fi Triq Rinella, fejn kienet ġiet diskussa fl-laqgħa preċedenti minn naħa ta' l-istess Kunsill fejn intbgħatu il-kummenti / suggerimenti tal-Kunsill fuq din iż-"Zebra Crossing".

Is-Seg. Eżek ser tkun qed terġa tibgħat email lit-Transport Malta biex il-Kunsill ikollu konferma fejn din iż-"Zebra Crossing" ser tiġi implementata eżatt minħabba il-fatt illi fil-pjanta li intbgħatet minn naħa ta' l-awtorita' stess m'hemmx Toroq imsemmija.

3.7 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar email li rċeviet mingħand resident illi joqgħod fi Triq Patri Mattew Sultana fejn dan qed jitlob illi jitwaħħal sinjal ma ħajt tas–sejjieħ li hu stess huwa propretarju ta' dan l-istess ħajt fejn bil-maltemp hemm tendenza li jaqgħu xi ġebel minnu. Is-sinjal qed tiġi mitluba minħaba l-fatt illi avolja m'hemmx 'parking bays' taħt dan il-ħajt il karozzi jipparkjaw xorta, biex b'hekk minn jipparkja hemm ikun responsabbli ta' xi danni li jistgħu jinqalgħu fuq il-karozzi fil-maltemp b'xi ġebel li jistgħu jaqgħu.

Il-Kunsill kollu qabel illi għandna jitwaħħal is-sinjal bl-approvazzjoni ta' Transport Malta.

3.8 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar ittra li rċeviet mingħand l-Assoċjazjoni Mazzri Birgu / Kalkara Creek, fejn dawn qed jitolbu għal aktar dawl in–naħa tax-Xewkija fil-Kalkara minħabba il fatt illi hemm dlam ċappa u l-abbużi qed jiżdiedu dejjem aktar.

Is-Sindku ser tkun qed tibgħat applikazzjoni formali lill-Enemalta biex iġġib l-approvazzjoni għal dawl ġdid f'din l-istess area.

3.9 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar email li rċeviet mingħand resident bi proponiment li jsir salib fil Pjazza fejn ir-roundabout ta' Triq il-Missjoni Taljana b'tifkira ta' l-400 mitt sena anniversarju li ser issir aktar tard fl-2015.

Is-Sindku spjegat li din il proposta giet diskussa mill-Għaqda ta' riabilitazzjoni tal-Cottonera u Kalkara aktar kmieni f'dan ix-xahar fejn dawn ikkonfermaw illi m'hemmx fondi biżżejjed biex dan is-salib isir minħabba proġetti oħra li hemm. Din l-Għaqda issuġerit li dan isir minn naħa tal-Kunsill fejn dawn ma jsibu l-ebda oġġezjoni.

Il-Kunsill kollu ma qabilx illi dan is–salib jiġi mħallas mill-Kunsill peres li m'hemmx fondi biżejjed mill-Kunsill stess.

3.10 Is-Sindku staqsiet lill Kunsill rigward l-ativitajiet tal-Karnival li jsiru kull sena imtellgħajn mill-Kunsill stess, minħabba il-fatt li rċeviet email minn għand il–persuna li tkun involuta mall-Kunsill u fl-organizzazjoni ta' dawn l-attivitajiet.

Il-Kunsilliera Maria Sultana ikkonfermat illi hija ser tkun qed tkellem lil dan l-individwu personali minħabba il-fatt li għas-sena 2015 xtaqet tibdel il format ta' l-attivitajiet li normalment isiru.

3.11 Is-Sindku Speranza Chircop għarrfet lill Kunsill dwar il-parkeġġi li ġew approvati minn naħa ta' Transport Malta fi Triq Marina. Hija ikkonfermat lill Kunsill li dawn ser ikunu qed jiġu mplementati mill Kunsill aktar tard wara l-Festi tal-Milied.

3.12 Is-Sindku nfurmat lill Kunsill dwar ir-round about li ġiet approvata minn naħa ta' Transport Malta fi Triq il-Missjoni Taljana u Triq Santu Rokku. Din ser tkun qed tiġi implementata mill Kunsill aktar tard wara l-Festi tal-Milied.

3.13 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar email minn għand il-Malta Tourism Authority fejn dawn talbu lill Kunsilli jinfurmawhom b'kull tip ta lment illi jista jkollhom biex huma jkunu jistgħu jwasslu dawn l-ilmenti lil Minesteri rispettivi.

3.14 Is-Sinjura Chircop preżentat Kwestjonarju li rċeviet minn għand studenti Universitarji rigward skylines fil-Kalkara fejn ser tkun qed tintgħbat mis-Seg.Eżek lill-Kunsilliera kollha biex jgħatu feedback fuq id domandi li ġew ipprezentati minn dawn l-istess studenti

3.15 Is-Sindku infurmat lill Kunsill dwar website li ser tkun qed tiġi ifformulata minn persuni professjonali li ser ikunu qegħdin jikkollaboraw mall-Kunsilli kollha f'Malta u Għawdex biex b'hekk aħna bħala Kunsill noffru l-informazzjoni koretta fuq postijiet turistici.

Is–Sindku infurmat ukoll lill Kunsill li ser tkun qed tagħmel laqgħa aktar tard fl-2015 ma dawn l-istess persuni biex b'hekk iġġib aktar informazzjoni fuq din il-website.

3.16 is-Sindku infurmat lill Kunsill dwar applikazzjoni li rċeviet minn għand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward spazji pubbliċi fil-Kalkara, fejn qed tintalab informazzjoni fuq spazji eleġibbli fil-Kalkara li għandhom bżonn manutenzjoni jew tisbieħ.

Il-Kunsill kollu qabel illi għandha tingħata informazzjoni fuq Ġnien is-Salvatur kif ukoll in-naħa tax-Xewkija li huma żewġ postiiet sbieħ li għandhom bżonn ta' bidla biex b'hekk jitgawdew aktar mir-residenti u ukoll minn nies barra il-lokal.

3.17 Is-Sindku infurmat lil Kunsillier Vince Bongailas dwar Triq ix-Xatt fejn fil-minuti preċedenti huwa kien għamel suġġeriment biex isiru rumble strips f'din l-istess Triq minħabba il-periklu li hemm fiha.

Dan is-suġġeriment intbgħat lil Transport Malta fejn it-tweġiba tagħhom kienet waħda negattiva minħabba il fatt illi dawn ir-rumble strips jagħmlu ħoss tedjanti meta tgħamilom in-naħa tar-residenti.

Il-Kunsill qabel illi għandha terġa tintbgħat email lill Transport Malta fejn issir talba ta' parir x'jista jsir, biex inaqqsu il-periklu minn din it-triq.

3.18 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill dwar email li rċevejna minn għand studenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-liġi fejn qalulna li nteressati joffru diskussjonijiet lir-residenti Kalkariżi bla ebda ħlas.

Is-Seg.Eżek. ser tkun qed torganizza laqgħa ma dawn l-istudenti biex tikseb aktar informazzjoni x'tip ta' diskussjonijiet imorru għar-residenti fiż-żmien li ġej.

3.19 Is-Sindku ser tkun qed tibgħat email lill Kunsill kollhu b'informazzjoni fuq il-proġett LEAP li ġie diskuss aktar kmieni f'minuti preċedenti, kif ukoll ser tkun qed tinforma lil kulħadd b'data u ħin għal laqgħa ma' l-aministraturi ta' dan il-proġett biex b'hekk ikunu jstgħu jattendu.

3.20 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar email li rċeviet minn naħa ta' Transport Malta rigward ir-round about li hemm fi Triq Patri Mattew Sultana fejn qed tiġi mgħamula mistoqsija jekk hemmx permess għal din l-istess round about.

Is-Seg.Eżek. ser tkun qed tibgħat email formali lill l-istess Transport Malta biex tindaga snin ilu x'kien sar qabel l-implimentazzjoni ta' din ir-round about.

3.21 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill dwar email li tikkonferma li m'hemm l-ebda oġġezzjoni minn naħa ta' Transport Malta rigward il-bdil ta' kulur minn isfar għal abjad fejn il-Monument tal-Papa fi Triq Marina, biex b'hekk jiżdiedu il-parkeġġ kif kien isuġerixxa is-Sur Chris Bruno fil-minuti preċedenti.

Is-Seg.Eżek. spjegat lill Kunsill illi meta l-ħaddiema tal-Kunsill marru biex jagħmlu dan, ir-residenti ma qablux u talbu lill Kunsill jerġa jikkonsidra din it-talba minħabba l'fatt li l-Monument ser jiġi mgħotti bil-karozzi.

Il-Kunsill kollu qabel li l-linji għandhom jibqgħu sofor fuq talba tar-residenti.

3.22 Is-Sindku preżentat ittra lill Kunsill li rċeviet minn naħa ta' Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja, fejn dawn tal-aħħar urew id-dispjaċir tagħhom rigward il-Parata li saret fi żmien il-Milied, li ġiet imtella mill-Kunsill aktar kmieni matul Diċembru.
Urew id-dispjaċir minħabba l-fatt illi din hija Banda merċenarja li ħadet post bandisti Kalkariżi kif ukoll żeffiena Kalkariżi.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandna tintbgħat tweġiba lill Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja biex naċċertawhom illi is-suġġerimenti / kritika tagħhom ġiet innutata u ser tiġi ikkunsidrata fis-snin li ġejjien.

Is-Sindku infurmat lill Kunsill illi fiż-żmien li ġej ser tkun qed tagħmel laqgħa ma rapreżentant ta' Smart City, fejn aktar kmieni kien iltaqgħa magħha informalment u wera ix-xewqa li jgħin il-Kunsill billi isellfu kamra milli għandhom eleġibbli fi Smart City għal kwalunkwe attivita' bħala Kunsill jixtieq jorganizza bla ħlas, minħabba l-fatt illi il-Kunsill qiegħed jgħin lill Smart City fi propaganda fuq Ikel Nuttritiv kif ukoll fuq l-eżerċizzju fiżiku billi jwaħħal il-'Posters' fin-Notice Board ta' l-istess Kunsill

3.23 Is-Sindku infurmat lill Kunsill illi hi w is-Seg.Eżek. iffirmaw il-kuntratt ma' l-Aġenzija Żgħażgħ rigward il-proġett li 'ntrebaħ minn naħa tal-Kunsill taż-Żgħażgħ bl-isem "Food Waste". Is-Sindku 'nfurmat il-Kunsill dwar iċ-ċekk li l-istess Aġenzija ippreżentat lill Kunsill biex iż-Żgħażagħ ikomplu jaħdmu fuq dan il-proġett b'għajnuna finanzjarja.

Is-Seg. Eżek. ġiet mitluba tagħmel laqgħa mal-Kunsill taż-Żgħażagħ biex tispjegalhom il-loġistika ta' kif għandhom jinħarġu il-flus biex l-affarijiet ikunu ċari mill-bidu u ma jkunx hemm kumplikazzjonijiet.

## 4. Komunikkazjoni tas-Sindku

4.1 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar talba mingħand resident li joqgħod fi Triq is-Salvatur għal "Motor Cycle Bay" fuq naħa tal-bankina fejn attwalment m'hemmx aktar parkeġġi.
Il-Kunsill kollu talab lis-Sindku tiċċekja jekk hux vijabli li jsir dan il-parkeġġ minħabba il-fatt illi jekk eventwalment isir bil-permessi neċessarji jaf ikun viċin il-kantuniera u jkun ta' periklu għas-sewwieqa.

4.2 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill b'ilment mingħand resident li joqgħod fi Triq is-Sienja (fil-parti id-dejqa) minħabba il-fatt li din it-Triq iżomm ħafna ilma fil-maltemp.

Is-Sindku ser tkun qed tkellem il-kuntrattur tal-Kunsill biex jiċċekja din l-istess triq u jgħatina rapport formali ta' x'jista jsir biex jitnaqqas iż-żamma tal-ilma.

4.3 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi ser tkun qed tiċċekja fejn u meta ser jiġi ippreżentat iċ–ċekk minn naħa tal-Kunsill għal-Istrina 2014 mill- attivitajiet li ġew organizzati aktar kmieni din is-sena għal dan il-għan, u tinforma l-Kunsilliera biex kulħadd ikun jista jakkumpanjha għal preżentazzjoni ta' din id-donazzjoni.

4.4 Is-Sindku nfurmat lill Kunsill li ser tkun qed timla applikazzjonijiet tad-dawl ġodda għat-toroq imsemijja hawn taħt abbażi ta' talba mir-residenti stess:

- Triq il-Missjoni Taljana (faċċata tal-ground)
- Triq Ġanni Raimondo

5. **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA**

6.1 ***Kunsilliera Is-Sinjura Maria Sultana għaddiet dawn il-punti***

**a.** Is-Sinjura Maria Sultana għaddiet ilment rigward l-iskips tar-reċiklaġġ li hemm fi Triq il-Kapuċċini u enfażizzat illi għandu jsir rapport formali minħabba il-fatt illi dawn qed ikunu dejjem mimlijin u jridu kull darba nagħmlu rapport aħna biex jiġu 'mbattla.

**b.** Is-Sinjura Maria Sultana staqsiet lis-Seg. Eżek. jekk l-informazzjoni li intbgħatet aktar kmieni dan ix-xahar dwar l-Eco Wardens b'meta ser ikunu qegħdin fil-lokal ser tkun qed tintbgħat kull xahar għal informazzjoni tagħna.

Is-Seg. Eżek. ser tkun qed tibgħat email formali biex iġġib informazzjoni dwar dan.

**c.** Is-Sinjura Maria Sultana talbet illi l-'istickers' tat-tfal li ġew ipprintjati minn naħa tal-Kunsill wara kompetizzjoni li ġiet organizzata mill-istess Kunsilliera għandhom jitwaħħlu fuq kull skip tar-riċiklar madwar il-lokalita' kollha.

**d.** Is-Sinjura Maria Sultana tablet lis-Sindku tagħmel laqgħa formali mal-ispettur il-ġdid biex b'hekk tkun tista tispjegalu is-sitwazzjoni tar-residenti u n-nuqqas ta' parkeġġ minħabba il-proġett li qed isir minn naħa ta' l-MCST. Is-Sinjura Sultana saħqet illi aħna għandna ngħinu lir-residenti minn naħa tagħna dwar ċitazzjonijiet li jistgħu jaqalaw minħabba li qed jipparkjaw ħażin f'ċertu ċirkustanzi minħabba ir-raġunijiet t'hawn fuq.

**e.** Is-Sinjura Maria Sultana talbet lis-Seg.Eżek. tibgħat email formali lil Transport Malta biex jibgħatulna skeda tar-rotta tal-Karozza tal-linja tal-Kalkara minħabba l-fatt li jekk ir-rotta għadha dik li kienu bgħatulna aktar kmieni din is-sena mhux qed ikun hemm karozzi tal-linja li jaqblu mal-ħinijiet imsemmija.

**f.** Is-Sinjura Sultana saħqet li hemm bżonn tinġibed l-attenzjoni biex jinxtgħelu mill aktar fis possibli il-"Pelican Lights" ġodda li twaħħlu fi Triq il-Missjoni Taljana, kif ukoll tintbgħat 'reminder' fuq it-talba li kienet ġiet mressaqa lil Transport Malta biex isiru "Pelican Lights" fl-istess Triq imsemmija pero' viċin il-ground tal-football.

g. Is-Sinjura Sultana ippreżentat noti fuq laqgħa li attendiet hi aktar kmieni dan ix-xahar fuq fondi li bħala Kunsill nistgħu napplikaw għalijhom permezz tal-MEUSAC. Hija saħqet li kienet laqgħa interessanti ħafna u talbet ukoll lis-Seg.Eżek. tgħamel laqgħa ma persuna involuta f'dan l-istess qasam biex b'hekk naħsbu f'xi proġett li nistgħu napplikaw għalih fis-sena 2015.

6.2 ***Kunsillier-Is-Sur Vince Bongailas***

a. Is-Sur Vince Bongailas saħaq li hemm bżonn jinbidlu il-'Pots' tal-injam fi Triq is-Salvatur minħabba il-fatt illi biż-żmien kienu qed jisfrondaw il-qiegh tagħhom.

b. Is-Sur Bongailas ressaq ilment fuq bozoz mitfija fi Triq Santu Rokku (ħdejn il-ħanut tal-laħam) kif ukoll bozza oħra fl-istess Triq ħdejn l-stejġ.

Is-Sur Chris Bruno ikkonferma li l-bozoz imsemmija hawn fuq ilhom maqtuwa ħafna kif ukoll talab lis-Seg.Eżek. tagħmel rapport fuq bozza maqtuwa oħra fi Triq il-Kapuċċini.

6.3 ***Kunsillier-Is-Sur Pawlu Bongailas***

*a.* Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi l-ħaddiema tal-Kunsill li jaħdmu barra mill-uffiċċju tal-Kunsill iridu jilbsu flokkijiet bl-arma tal-Kunsill kif ukoll l-impjegata li hemm tieħu ħsieb il-berġa irid ikollha uniformi bħal l-iskrivani l-oħra li qegħdin fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

*b.* Is-Sur Pawlu Bongailas ressaq ilment fuq 'coaches' li qed ikunu dejjem ipparkjati fi Triq il-Missjoni Taljana, kif ukoll fi Triq Marina li qed jieħdu iktar minn parkeġġ wieħed kif ukoll qed ikunu ta' ostaklu għal karozzi oħra. Huwa talab biex isir rapport formali mill aktar fiss possibli.

*c.* Is-Sur Bongailas talab lis-Seg.Eżek. tinforma lil Ambaxxatriċi tal-Kunsill biex tkun preżenti għas-Seduta li jmiss biex b'hekk jittieħed ritratt tagħha, u jitwahhal mal-ħajt ta' l-Uffiċċju tal- Kunsill bħal ma kien sar ta' l-Ambaxxatur preċedenti.

*d.* Is-sur Bongailas staqsa lis-Sindku dwar għalfejn iċ-ċwievet tal-bollards ta' Rinella ma ingħatawx lis-Sea Cadets meta kellhom bżonnhom. Huwa wera dispjaċir dwar dan minħabba il-fatt illi is-Sea Cadets dejjem għinuna meta kellna bżonn bħala Kunsill u dejjem senza interessi.

Is-Sindku spjegat illi meta ġew biex jieħdu iċ-ċwievet kienet fil-ġurnata ta' Jum il-Kalkara u l-ħaddiem li normalment jiftaħ il-bollards kien qiegħed okkupat fuq l-attivitajiet ta' Jum il-Kalkara.

Is-Sindku saħqet illi għal mument ma ħasbitx li kellha ittijhom iċ-ċwievet tal-bollards minħabba il-fatt li ftit qabel kienet ġiet diskussa kwistjoni oħra simili fejn residenta talbet dawn l-istess ċwievet u ma ġewx mgħotija.

Il-Kunsill kollu qabel illi meta tkun xi entita' fil-Lokalita' titlob iċ-ċwievet għandhom jingħataw lilhom bla problemi ta' xejn u jiġu fdati minn naħa tal-Kunsill.

e. Is-Sur Bongailas talab lis-Seg.Eżek.tagħmel laqgħa formali mas-Segretarja Ġenerali tal-"European Walled Towns", biex b'hekk il-Kalkara tkun tista tissieħeb mal-pajjizi l-oħra membri u b'hekk inkunu nistgħu nipromovu aktar il-Wirt Storiku li għandna fil-lokalita'.

f. Is-Sur Bongailas wera id-diżappunt tiegħu dwar il-fatt illi mhux kull Kunsillier attenda għal Attivitajiet ta' Jum il-Kalkara u għal attivitajiet l-oħra li ġew imtellaw minn naħa tal-Kunsill għall żmien il-Milied. Huwa saħaq li għandna nkunu aħna l-eżempju lejn ir-residenti biex jattendu għal dak li jiġi organizzat mill-Kunsill.

g. Is-Sur Bongailas isuġerixxa lill Kunsill kollu li għas sena id-dieħla il-Kunċert ta' Jum il-Kalkara għandu jsir fl-10 ta' Diċembru meta huwa il-Jum propja li jiġi ċċelebrat Jum Il-Kalkara. Isuġerixxa kif ukoll jinħoloq Sotto Kumitat maħluq mill- Kunsill stess biex b'hekk kulħadd ikollu rwol tiegħu biex titella din l-attivita'.

Il-Kunsill kollu qabel ma' din il-proposta imsemijja hawn fuq kif ukoll il-Viċi Sindku ippropona li għas sena 2015 kull laqgħa għandhom jiġu diskussi sett ta' regoli fuq kwalunkwe materja li jieħu ħsieb il-Kunsill biex b'hekk ikollna gwida ċara u jintuzaw l-istess proċeduri fuq l-istess ħaġa ma' kulħadd.

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fid-9:15 u ġiet aġġornata ghall- Ħamis 15 ta' Jannar 2014 fil-5:30pm.

**Elaine Caruana**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Speranza Chircop**
**Sindku**